MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## AARON BUGEJA

Seduta tat-18 ta' Frar, 2014

Numru. 178/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Arthur Mercieca)**
**Vs**
**Reginald James**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet datati 18 ta’ Frar, 2014 fil-konfront ta’ Reginald James, 24 sena, iben Anthony u Helena nee’ Galea, imwieled San Giljan fit-28 ta’ Dicembru, residenti 56, Flat 6, Triq Victor Denaro, Msida u detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 23890M.

L-imputat akkuzat talli:

Fil-lejl ta’ bejn il-15 u 16 ta’ Frar, 2014 gewwa San Giljan ikkommetta serq ta’ jack hammer ghad-dannu tal-kumpanija Polidano Bros u jew persuni ohra liema serq jeccedi l-elfejn u tlett mija u disghin ewro u erbgha u

ghoxrin centezmu (€ 2390.24) u ghalhekk ikkwalifikat bil-valur, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa.

Talli matul dan l-ahhar gimghat xjentement, laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg li kienu misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

Fl-ahharnett, jakkuza lil Reginald James ukoll talli rrenda ruhu recediv ai termini ta’ l-Art. 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li huwa ga nstab hati b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti rat id-dokumenti ezibiti u l-atti processwali kollha u semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara li t-tieni imputazzjoni kontestata lill-imputat hija alternattiva ghall-ewwel wahda.

Il-Qorti rat li matul il-kors tal-ezami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali l-imputat stqarr li huwa hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu skont kif specifikati aktar ‘il fuq mill-Ispettur Mercieca fis-sens illi ammetta biss ghall-ewwel imputazzjoni u t-tielet imputazzjoni stante li t-tieni imputazzjoni kienet alternattiva ghal ewwel wahda.

Il-Qorti wara li rat l-Art. 392A(1) u l-Art. 453(1) tal-Kodici Kriminali tat iz-zmien qasir lil imputat sabiex jirtira l-ammissjoni tieghu u wara li regghet staqsiet lil imputat x’ghandu xi jghid dwar l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u l-imputat rega’ tenna li huwa hati skont kif kien tenna ftit qabel u l-Qorti hadet nota bil-miktub ta’ din id-decizjoni tal-imputat fl-atti tal-kawza.

Il-Qorti semghet lil partijiet jitrattaw il-kawza u hadet konjizzjoni tal-argumenti tal-Prosekuzzjoni fis-sens illi
(a) dan ma kienx l-ewwel reat kommess mill-imputat fejn f’okkazzjonijiet precedenti kien diga’ nstab hati tar-reati ohrajn inkluz dak ta’ serq;

(b) kif ukoll li minkejja li nghata sentenzi ta' habs sospizi xorta wahda baqa' ma tghallimx ghal kollox il-lezjonijiet li kellu jitghallem minnhom;
(c) Izda l-Prosekuzzjoni tenniet li f'dan il-kaz l-imputat ikkopera bi shih maghha;
(d) kif ukoll ir-refurtiva giet misjuba u sejra tigi rritorna lura lil sidha;
(e) li l-imputat ghandu responsabbilita' ta' hamest itfal u li qieghed jipprova imantnihom billi mezzi li huwa ghandu.

Il-Qorti semghet ukoll l-argumenti tad-difiza fis-sens illi :
(a) fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz l-imputat irregistra ammissjoni mill-ewwel, fl-aktar stadju bikri tal-proceduri penali;
(b) li l-imputat ghandu jinghata cans ahhari sabiex jipprova jqum fuq saqajh u jirriabilita lilu nnifsu;
(c) li f'dan il-kaz il-piena idoneja kontra l-imputat ghandha tkun dik ta' ordni ta' probation sabiex l-imputat ikun jista' jigi mehun jindirizza d-diffikultajiet li huwa ghandu fosthom nuqqas ta' hiliet adekwati sabiex ikun jista' jahdem ghal familja tieghu li taghha ghandu r-responsabbilita'.

Il-Qorti semghet ukoll lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li hija fic-cirkostanza partikolari ta' dan il-kaz kienet qed tirrimetti ruhha ghad-decizjoni ahharija ta' din il-Qorti pero' li tara li jista' jkun utli li f'dan l-istadju tal-hajja tal-imputat li huwa ikun jista' jinghata l-ahhar cans u l-opportunita li jirrijabilita ruhu permezz t'ordni ta' probation.

**<u>Ikkunsidrat : -</u>**

In vista tal-ammissjoni imtennija tal-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu kif specifikati aktar 'il fuq, hija ma ghandhiex alternattiva ghajr li ssib lil imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu senjatament tal-ewwel u t-tielet imputazzjoni bit-tieni imputazzjoni tkun ritenuta alternattiva ghal ewwel wahda.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261(c)(f)(g), 267, 270, 271(g), 279(b), 280(1), 334(a), 49, 50 u 289 tal-

Kodici Kriminali, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri fil-konfront tat-tieni imputazzjoni peress li t-tieni imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghal ewwel imputazzjoni, hija qieghda qeghda ssib, fuq l-ammissjoni tieghu stess, lil imputat Reginald James, recidiv f'delitt, hati tal-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; u wara li rat l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqis li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz il-hati jikwalifika ghal ordni ta' probation skont l-Artikolu 7(1)(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u minflok ma taghti sentenza dwar il-hati qieghda taghmel ordni ta' probation jigifieri ordni li tkun tehtieg lil hati li jitqieghed taht sorveljanza ta' ufficjal tal-probation u dan ghal perjodu ta' tlett snin mill-lum skont it-termini imsemmija fid-digriet appozitu li qed jigi mehmuz ma' din is-sentenza u li minnha jifforma parti integrali.

Inoltre l-Qorti ai termini tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta fisret lill-hati bi kliem li huwa jifhem l-effetti tal-ordni ta' probation kif ukoll il-konsegwenzi jekk il-hati jonqos milli jikkonforma ruhu mas-sentenza jew mad-digriet jew jekk jaghmel xi reat iehor.

Il-Qorti ai termini tal- Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda tordna li minnufih jinghataw kopji tal-ordni tal-probation lil hati u lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Probation and Parole sabiex jassenja Ufficjal tal-Probation b'effett immedjat lill-hati.

Inoltre wara li rat l-Artikolu 392A(2) tal-Kodici Kriminali qieghda tordna li l-atti flimkien ma' kopja tas-sentenza jigu mibghuta lil Avukat Generali fi zmien sitt ijiem tax-xoghol.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------